FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

1 ta' Gunju 2010

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tlieta u Erbghin (43) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-Tlieta u Erbghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 3 ta' Mejju 2010 fis-5.45pm.**

It-Tlieta u Erbghin (43) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji
5. Imhazen tal-Karnival
6. Gnien San Filippu/Stazzjon tal-ferrovija tal-Floriana
7. Triq l-Isqof Mauro Caruana
8. Sigurta' tal-haddiema tal-Kunsill waqt il-qadi ta' dmirijiethom
9. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2010
10. Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv 2009
11. Rizoluzzjoni Specjali dwar permessi ta' gabbani f'attivitajiet
12. Isle of MTV 2010
13. Ghazla tal-Offerti:
    i. KLF/T/01/10 – Progett ta' picc sintetiku fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V
    ii. KLF/T/03/10 – Bdil ta' bankini f'Balzunetta
    iii. KLF/EoI/01/10 – Disinn tal-monument ta' Robert Samut
    iv. KLF/Q/11/10 – Servizz ta' accountant
    v. KLF/Q/12/10 – Servizz ta' tindif tal-ufficcini tal-Kunsill

13\. Problema tal-hamiem selvagg
14\. Ħwejjeg Oħra
15\. Aġġornament tal-laqgħa

Ghat-tlieta u erbghin (43) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg. Il-Vici Sindku Franco Davies attenda wara materja nru. 1.2.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-minuti tat-tlieta u erbghin (43) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg talab korrezzjoni dwar materja nru 6.3 fejn wara l-ewwel sentenza saret addenda :
*"Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex Premju Mario Muscat jinghata lil Rebecca D'Agostino. Il-Kunsillier Edward Torpiano issekonda din il-mozzjoni. Wara li ttiehed vot, il-mozzjoni m'ghadditx bi tlett voti kontra (VB, FD, SSH)."*

**Nota: 17:55 Il-Vici Sindku attenda ghal-laqgha**

1.3 Ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija f'1.1 bil-korrezzjoni mressqa f'1.3 wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, ET, VB, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (FD)

1.4 Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.5 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.6 Ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija f'1.5 wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, ET, VB, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (FD)

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li wara li kien talab spjegazzjoni mill-kazin tal-banda Vilhena rigward il-programm tal-Gimgha l-Kbira, il-Kunsill ircieva minghand is-Segretarju tal-banda fejn ta l-ispjegazzjoni tieghu. Il-Kunsill qabel nem.con li jaccetta l-kwotazzjoni ta' €1,000 ghas-servizz mill-banda Vilhena fil-Gimgha l-Kbira.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq id-disinn propost mis-Sur Joseph Cutajar ghall-funtana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V biex il-funtana toghla halli tkun inqas accessibli u possibilment jonqos l-iskart li qed jitwaddab fiha. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan is-suggeriment izda qabel li ghandu jkompli jinsisti li jsir hadid mad-dawra tal-funtana anke minhabba s-sigurta' tat-tfal. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien diga accetta kwotazzjoni u ghaldaqstant ghandu jaghti gimghatejn cans lill-kuntrattur biex jaghmel dan ix-xoghol.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand sid banka tal-lottu fi

Triq il-Konservatorju, fejn talab li jkun hemm bidla fil-hinijiet tal-ftuh minn dawk indikati fuq it-tabella ezistenti tar-*reserved parking*. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-sid il-banka tal-lottu u jitolbu jindika l-hinijiet ta' ftuh specifici qabel ma jkun jista' jipprocedi fuq din it-talba.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand Alberta ghal sistema ta' CCTV cameras fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V, sistema li tkun accessibbli wkoll minn fuq l-internet. Il-Kunsill accetta b'mod unanimu din il-kwotazzjoni biex issir il-manutenzjoni fuq is-sistema u biex isiru l-arrangamenti teknici halli r-recording ikun accessibbli minn fuq l-internet.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland irrefera ghall-korrispondenza mill-MEPA li infurmat lill-Kunsill li li l-Kunsill jista jaghmel xi progett u juza l-fondi ta' €1800 mill-UIF. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal dawn il-fondi biex jintuzaw ghal xiri ta' litter bins. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tohrog sejha tal-offerti ghall-xiri ta' litter bins.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-bankini ta' Triq l-Imhazen fejn ghandhom hafna haxix hazin fil-fili u li hemm bzonn jitkahhlu. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb jitqabbad kuntrattur biex isir it-tikhil ta' din it-triq biex tissolva l-problema.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand is-Sur Camilleri li tammonta ghal €2000 ghal ftuh tat-triq biex jinfethu culverts mizdudin. Minhabba li din il-kwotazzjoni taqbez l-ammont stipulat mil-ligi ghall-ordnijiet diretti, il-Kunsill qabel li ghandu johrog sejha ghall-kwotazzjonijiet ghal dan is-servizz.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-laqgha li kellu mas-Supretendent tal-isptar Sir Paul Boffa dwar il-problema prezenti ta' parkegg ghall-pazjenti tal-istess sptar u l-problema li ser ikun hemm fil-futur qarib minhabba l-installazzjoni ta' *linac accelerator commence* fejn in-numru ta' spazji ta' parkegg ser jonqos drastikament. Il-Kunsill qabel li l-Vici-Sindku li hu responsabbli mill-kariga tas-Sahha ghandu jiehu hsieb jikkuntattja lis-Supretendent biex jigi ddeterminat kemm il-parkegg qeghdin jipproponu u jekk jaqblux mas-suggeriment li jkun hemm parkegg riservat ghall-pazjenti fit-Telgha tal-Kurcifiss. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jikteb lill-Trasport Malta rigward il-possibilta' li l-Park n' Ride jibda' jasal sa hdejn l-iSptar Boffa.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-konferma tal impjieg tal-impjegata Silvyanne Zammit Bondin. Il-Kunsill ikkonferma l-hatra b'mod unanimu.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-attivita' ta' iljieli Sajfin li l-Kunsill organizza s-sena ta' qabel fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u ppropona li din is-sena l-Kunsill ghandu jibda' dawn l-iljieli iktar kmieni mis-sena l-ohra. Is-Sindku nforma wkoll li l-Kunsill kien gie avvicinat minn muzicist li offra li jdoqq bla hlas f'wiehed minn dawn l-iljieli. Il-Kunsill qabel ma' din l-offerta' u approva li l-iljieli sajfin ghandhom jibdew fil-bidu ta' Lulju.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-banners li ntuzaw ghall-Floriana Day ikunu jistghu jinghataw lill-pubbliku li joffru donazzjoni ta' €35. Il-Kunsill qabel nem.con, fejn għandha tingħata preferenza lill-familjari tal-personalitajiet rispettivi li jidhru fuq il-banners.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland staqsa dwar meta jaghlaq il-kuntratt tal-kiri tal-gabbana

tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V minhabba li l-Kunsill kellu offerta' minghand persuna li xtaqet tiehu dik il-parti tac-centru. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha terga' tigi diskussa f'laqgha tal-Kunsill ohra, biex sadanittant il-Kunsill jilhaq jikteb lill-Kummissarju tal-Artijiet dwar il-possibilta'.li l-Kunsill jkun jista' jikri parti mill-gnien lil terzi persuni bi skop kummercjali.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Gasan Properties fejn talab lill-Kunsill isib soluzzjoni ghall-problema prezenti fi Trejqet l-Imhazen minhabba li xi vetturi qeghdin jipparkjaw b'tali mod li jimblukkaw l-access ghall-bini li hemm fuq in-naha ta' gewwa tat-triq. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru linji sofor ma' naha wahda tat-triq biex jithalla access.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-Kunsill ghandu jinforma lill-kuntrattur biex inehhi l-istrixxa ta' San Publju li kienet twahhlet fi Triq Sant'Anna u li din ghandha terga' titwahhal hmistax-il gurnata qabel il-festa. Il-Kunsill qabel.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-laqgha tal-Kumitat tal-Kunsilli dwar l-energija alternattiva li se tinzamm nhar l-4 ta' Mejju u li ghaliha jrid jattendi membru mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghal din il-laqgha ghandu jattendi l-Kunsillier responsabbli mill-ambjent.

2.16 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li s-Socjeta' Filarmonika Vilhena kienet talbet biex il-Kunsill jiehu hsieb l-arrangament tal-fjuri u l-fotografija tal-Oratorio San Publju. Il-Kunsill approva.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Health Promotion kienu qed jergghu jorganizzaw korsijiet fizici tal-aerobics u talbu lill-Kunsill joffrilhom is-sala fejn jistghu jigu organizzati dawn il-korsijiet kif ukoll il-ftuh u l-gheluq tal-bini meta jkun hemm is-sezzjonijiet. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghal darb'ohra jerga' joffri dawn il-korsijiet lir-residenti.

## <u>3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

3.1 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lis-Sindku dwar jekk huwiex bzonnjuz li qabel ma jsir l-asfaltar ta' Triq is-Suq għandux isir il-bdil tal-mejn tal-ilma. Is-Sindku Nigel Holland sostna li fl-opinjoni tieghu ma jaqbilx li jinbidel il-mejn ghaliex l-ispiza titla' hafna aktar.

3.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lis-Sindku dwar jekk kienx hemm xi aggornamenti fuq il-Polverista. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Kunsill kien ghadu ma rceviex risposta.

3.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet lis-Sindku dwar x'kien gie deciz rigward il-*bins* ta' hdejn il-Bini tad-Djar tal-Gvern. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Kunsillier responsabbli ghandu jiehu hsieb jikkuntattja lill-Green Pak biex jara meta tista' ssir laqgha maghhom flimkien mar-residenti u jinforma lir-residenti dwar id-data deciza.

3.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet lis-Sindku jekk il-Kunsill kienx ircieva risposta mill-MEPA dwar l-ufficcju tal-UN li nfetah xi ftit tax-xhur ilu fil-Floriana. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien irrapporta lill-MEPA izda kien ghadu rcieva l-ebda risposta.

3.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet lis-Sindku fuq is-sitwazzjoni ta' taht il-logog u jekk il-Kunsill kienx infurmat dwar meta kien ser jibda' x-xoghol. Is-Sindku

wiegeb li x-xoghol kien beda' dakinhar stess filghodu.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **37-05 A-E**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

**Nota: 19:30 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 8473 sa 8591.

4.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 8473 sa 8591, bir-rizultat:

Favur: 4 (SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 19:34 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 19:35 Il-Vici-Sindku Franco Davies talab li jkun skuzat.**

## 5.0 Imhazen tal-Karnival

5.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li xi whud mill-organizzaturi tal-karrijiet tal-Karnival kienu kkuntattjaw lill-Kunsill u ssuggerew xi postijiet li jistghu iservu ta' mhazen ghall-karrijiet.

5.2 Il-Kunsill qabel mal-principju u qabel li ghandu joffri l-ghajnuna tieghu fejn hu possibbli.

5.3 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha terga' tigi diskussa aktar 'il quddiem wara li l-Kunsill jkollu aktar informazzjoni u jivverifika d-dettalji.

## 6.0 Gnien San Filippu/Stazzjon tal-Ferrovija tal-Floriana

6.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ppropona li l-Kunsill ghandu jaghmel mill-ahjar biex jaghmel progett li jikkoncerna l-istazzjoni tal-Ferrovija li kien hemm fi Gnien San Filippu.

6.2 Is-Sindku Nigel Holland semma li l-progett ghandu jkun jikkonsisti billi jerga' jsir l-istazzjon fl-istess post fejn kien fi Gnien San Filippu.

6.3 Il-Kunsill approva fil-principju li jsir dan il-progett u dan wara li l-Kunsill jivverifika din il-possibilta'.

## 7.0 Triq l-Isqof Mauro Caruana

7.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili tiftah id-diskussjoni minhabba li kienet hi li talbet li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

7.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li wara l-konsultazzjoni li kellha mar-residenti ta' din it-triq, il-maggoranza taghhom ma sabu l-ebda oggezzjoni li din it-triq tinghalaq u tigi *pedestrianised*, dejjem jekk huma jkollhom access biex jnehhu l-bollards fl-ahhar tat-triq f'kaz t'emergenza.

7.3 Il-Kunsill qabel nem.con li ghandu l-ewwel ikollu l-opinjoni tar-residenti kollha u f'kaz li jkun hemm qbil, ghandu jikteb lill-Transport Malta ghall-approvazzjoni taghhom.

## 8.0 Sigurta' tal-haddiema tal-Kunsill waqt il-qadi ta' dmirijiethom

8.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi semma li huwa pogga din il-materja fuq l-agenda ghaliex li fil-passat kien hemm xi kazijiet li l-istaff tal-Kunsill hassu intimidat waqt il-qadi ta' dmirijiethom u ghaldaqstant xtaq juri l-appogg tal-Kunsill.

8.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla u irrefera ghal kaz li gara ftit tal-jiem qabel u insista li l-Kunsill irid dejjem jappoggja lill-impjegati tieghu.

8.3 Is-Sindku ghandu jikteb lil dan ir-resident li kellu attitudni mhux accettabbli fil-konfront ta' membri tal-istaff u jwissih ta' dan l-agir.

## 9.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2010

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi semma li l-edizzjoni ta' din is-sena kienet wahda tajba hafna specjalment fil-livell muri mill-partecipanti.

9.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla li huwa ressaq din il-materja fuq l-agenda biex il-Kunsill jara xi nuqqasijiet li seta' kien hemm u biex dawn ma jergghux jirrepetu ruhhom fl-edizzjonijiet li jmiss.

9.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bin-nuqqas ta' koordinazzjoni tal-Pulizija fejn f'certu mumenti kien hemm anke xi nies mixjin taht l-irdieden qabel ma beda l-ispettaklu.

9.4 Il-Kunsillier Vincent Borg gibed l-attenzjoni ghat-trakkijiet li garrew in-nar minhabba li meta dawn waslu fuq il-fosos, kienu pparkjati wiehed wara l-iehor u li kieku taret xi bicca, kienu jiehdu t-trakkijiet kollha.

9.5 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill fuq l-ammont ta' skart li kien ghad hemm fuq il-fosos inkluz xi bicciet tan-nar li kienu ghadhom hemm u ma kienux ngabru.

9.6 Il-Kunsill qabel nem.con biex fir-regolamenti tal-edizzjonijiet li gejjin ikun

specifikat li kull kamra tan-nar li tapplika tkun obbligata tiehu hsieb izzarma u tiehu maghha kull ma tkun gabet u qabel ma dan isir, tali kamra tan-nar m'ghandhiex tithallas l-ammont tas-sussidju dovut lilha.

9.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li jkun hemm aktar bins fuq il-fosos minhabba li jhoss li ma kienx hemm bizzejjed dakinhar tal-attivita'. Il-Kunsill qabel li ghall-edizzjonijiet futuri, ghandu jaghmilha cara mal-kuntrattur li ghandu jkun hemm numru specifiku ta’ bins.

9.8 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili nformat lill-Kunsill li s-Sindku ta' Hal Qormi kien baghat ir-ringrazzjamenti tieghu ghall-gest ta' simpatija li sar f'isem il-vittmi tal-isplużjoni tal-kamra tan-nar ta' San Bastjan.

## 10.0 Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv 2009

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta r-rapport annwali amministrattiv ghas-sena 2009 li gie iccirkulat qabel il-laqgha.

10.2 Wara l-prezentazzjoni tar-rapport, il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni biex il-Kunsill japprova dan ir-rapport. Il-mozzjoni giet ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili.

10.3 Wara li ttiehed vot ghall-mozzjoni msemmija f’10.2, ir-rapport annwali amministrattiv 2009 gie approvat unanimament.

## 11.0 Rizoluzzjoni Specjali dwar permessi ta’ gabbani f’attivitajiet

11.1 Is-Sindku Nigel Holland qara r-rizoluzzjoni specjali li giet iccirkulata mal-avviz tal-laqgha.

11.2 Il-Kunsillier Vincent Borg spjega r-ragunijiet tieghu ghalfejn jahseb li d-decizjoni tal-Kunsill ghandha tibqa' tali, cioe' li s-sidien tal-hwienet jinghataw possibilta' li jhallsu ghall-permess addizzjonali biex jarmaw fil-logga ta' naha jew ohra tal-hanut taghhom.

11.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq kontro mozzjoni biex “Il-Kunsill jaghti permess lis-sidien ta’ hwienet ta’ Triq Sant’Anna f’attivitajiet bi hlas addizzjonali ghall-armar ta' mwejjed quddiem il-logga tan-naha tax-xellug jew lemin tal-hanut tieghu”. Hadd ma ssekonda din il-mozzjoni.

11.4 Is-Sindku Nigel Holland propona emenda, bil-mozzjoni tigi taqra hekk: “Meta jinhargu permessi lill-hwienet, il-Kunsill jaghti l-facilita’ lis-sidien tal-hwienet biex jarmaw imwejjed fuq il-lemin jew xellug taghhom. Fi kwalunkwe kaz izda l-Kunsill jista’ johrog kundizzjonijiet differenti ghal attivitajiet specifici”. Il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, ET, VB, SSH)
Kontra: 0

## 12.0 Isle of MTV 2010

12.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Gvern kien ser jerga' jorganizza dan l-avveniment ghal darb'ohra fi Pjazza San Publju.

12.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jaghti l-permess tieghu ghal dan l-avveniment u li l-pemess ghandu jerga' jinhareg bl-istess kundizzjonijiet tas-soltu.

12.3 Is-Sindku Nigel Holland ghandu jiltaqa' mal-organizzaturi bhal ma sar fis-snin precedenti biex jigu assigurati l-istess arrangamenti tas-snin precedenti.

## 13.0 Għażla tal-Offerti : -

Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-offerti fejn iddiskuta l-offerti t'hawn taht u ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill. Il-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti fetah il-kaxxa tal-offerti fil-prezenza tas-Sindku Nigel Holland, s-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat u l-membri Vincent Borg, Sandra Sammut Hili u Edward Torpiano.

### 13.1 KLF/T/01/10 – Progett ta' picc sintetiku fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V

13.1.1 Wara evalwazzjoni tal-offerti, is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, biex il-Kunsill jaghzel l-offerta' ta' JGC Ltd. fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti u tar-rapport tekniku tal-perit tal-Kunsill u anke peress li kienet l-orhos offerta skond l-istess rapport. Ir-rizultat tal-votazzjoni huwa:

Favur: 4 (NH, SSH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 13.2 KLF/T/03/10 – Bdil ta' bankini f'Balzunetta

13.2.1 Wara evalwazzjoni tal-offerti, is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, biex il-Kunsill jaghzel l-kwotazzjoni ta' Dion Galea fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti u tar-rapport tekniku tal-perti tal-Kunsill u anke peress li kienet l-orhos offerta skond l-istess rapport. Ir-rizultat tal-votazzjoni huwa:

Favur: 4 (NH, SSH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 13.3 KLF/EoI/01/10 – Disinn tal-Monument ta' Robert Samut

13.3.1 Minhabba li ma kien hemm l-ebda offerta', il-Kunsill qabel li ghandha terga' tohrog sejha ghall-offerti mill-gdid.

### 13.4 KLF/Q/11/10 – Servizz ta' Accountant

13.4.1 Il-Kunsill iddecieda li qabel ma tittiehed decizjoni ghandu jikteb lill-orhos tlett offerenti biex jitlobhom jindikaw l-esperjenza tas-servizzi taghom ma' Kunsilli Lokali, u intant l-Kunsill ghandu jiehu feedback dwar l-applikanti minghand il-Kunsilli Lokali indikati minnhom.

**13.5 KLF/Q/12/10 – Servizz ta' tindif tal-ufficcini tal-Kunsill**

13.5.1 Wara evalwazzjoni tal-offerti, is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, biex il-Kunsill jaghzel l-kwotazzjoni ta' Emmanuel Spiteri fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos u l-aktar offerta vantaggjuza. Ir-rizultat tal-votazzjoni huwa :

Favur: 4 (NH, SSH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 14.0 Problema tal-hamiem selvagg

14.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel referenza ghal talba ta' permess li l-Kunsill kien ircieva xi ftit tax-xhur ilu fejn terza persuna offriet li tiehu hsieb taqbad il-hamiem salvagg u titlaqhom f'post fejn ma jergghux jirritornaw.

14.2 Il-Kunsill qabel li din il-persuna hija libera li taghmel din il-procedura sabiex ma jkunx hemm mohqrija fuq il-hamiem u sakemm dan huwa permess bil-ligi.

## 15.0 Ħwejjeġ Oħra

15.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq kwotazzjoni minghand is-Sur John Piccione dwar *stencils* ta' ittri biex jintuzaw mill-haddiema tal-Kunsill halli jkunu jistghu jaghmlu is-sinjali/marki tat-traffiku mal-art. Din il-kwotazzjoni li tammonta ghal €250 u li tinkludi 11-il ittra, giet approvata mill-Kunsill nem.con.

15.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel referenza ghal-laqghat li l-Kunsill kellu mas-sidien tal-hwienet ta' Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel nem.con li ghandu jikteb lis-sidien tal-hwienet li wara l-laqgha li kellu maghhom, il-Kunsill xorta jhoss li gew miksura l-kundizzjonijiet u ghalhekk xorta wahda ghandhom ihallsu l-penali ta' €175. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li fil-minuti jitnizzel li hi qatt ma kienet obbligat lill-ebda Kunsd jinforma lil tal-hwienet.

15.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano saqsa dwar il-possibilta' li r-residenti ta' Triq Vilhena jibdew ipoggu l-boroz kollha tal-iskart fil-kantuniera. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan u nsista li kull resident ghandu jzomm il-borza tal-iskart quddiem il-bieb tieghu.

15.4 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li residenta partikolari qeghda tohrog l-iskart taghha filghaxija minflok filghodu. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb iqabbad gwardjan lokali biex josserva z-zona ghall-kontravvenzjonijiet simili u ohrajn.

15.5 Il-Kunsillier Edward Torpiano saqsa jekk jistghux ma jinaghtawx permessi fi Triq l-Isqof Mauro Caruana dakinhar tal-Festa ta' San Publju minhabba ilmenti mir-residenti tat-triq. Il-Kunsill qabel li m'ghandhomx jinhargu iktar permessi fit-triq msemmija.

15.6 Is-Sindku Nigel Holland fakkar fid-decizjoni mehuda mill-Kunsill li jkun hemm gwardjan lokali f'kull attivita' organizzata mill-Kunsill biex jissorvelja l-kundizzjonijiet maghmula mill-Kunsill lill-gabbani, u nsista li din tigi implimentata.

15.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet jekk nistghux niktbu lill-kumpaniji

Citadel Insurance kif ukoll lill-VF Group of Companies biex jiehdu hsieb jixtru cigarette bin u jinstallawh quddiem il-bieb tal-ufficcju taghhom minhabba li kien qed ikun hemm diversi ilmenti dwar l-ammont ta' sigaretti li jintrama' mill-impjegati tal-istess kumpaniji quddiem il-bieb. Il-Kunsill qabel nem.con.

15.8 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill biz-zjara tal-kantant Kevin Borg f'Malta nhar it-Tlieta 11 ta' Mejju.

15.9 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li l-Kunsill jikteb lill-Transport Malta biex issir crash barrier fi Triq Nazzjonali minhabba l-ammont t'incidenti li kien qed ikun hemm f'din it-triq. Il-Kunsill qabel nem.con.

15.10 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili irreferiet ghar-railings li kienu qed jitwahhlu taht il-bankina tan-nizla tal-iSptar Sir Paul Boffa u saqsiet jekk dawn humhiex permanenti jew jekk kienux qed jitwahhlu biss ghall-attivita' tal-Grand Prix. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika.

## 16.0 Aġġornament tal-laqgħa

16.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Hamis 3 ta' Gunju 2010 fis-17:45.

Il-laqgha ntemmet fid-21.45.

Nigel Holland
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Ezekuttiv